28 ta' Ġunju 2017
49/2017

# SITT SAĊERDOTI ĠODDA

Il-Knisja f'Malta tifraħ filwaqt li tirringrazzja lil Alla għall-ordinazzjoni ta' sitt saċerdoti. L-ordinazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ – wieħed mill-Iklin, wieħed mill-Gżira, wieħed minn Ħaż-Żebbuġ, tnejn mill-Ordni tal-Patrijiet Minuri, u ieħor mill-Ordni tal-Predikaturi – ser issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fis-6:30 p.m. Is-sitt djakni li ser jiġu ordnati saċerdoti mill-Arċisqof Charles J. Scicluna huma:

- Rev. Sinclair Bugeja mill-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa, l-Iklin.
- Rev. Clive Camilleri tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri,
- Rev. Ramon Farrugia tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri,
- Rev. Ryan Lee Pace mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, il-Gżira,
- Rev. Mark Spiteri mill-Parroċċa ta' San Filep ta' Aġira, Ħaż-Żebbuġ, u
- Rev. Aaron Zahra tal-Ordni tal-Predikaturi.

Kulħadd huwa mistieden biex jattendi għaċ-ċelebrazzjoni tal-ordinazzjoni u biex itlob għal aktar vokazzjonijiet u għall-qdusija tas-saċerdoti, speċjalment għal dawk li ser jiġu ordnati nhar il-Ġimgħa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**